MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 124/2003

**Pulizija**
(Spett.G.Azzopardi)
**vs**
**Chantelle-Mari Mallia**

l-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija
Chantelle-Mari Mallia, ta' 18 il-sena, bint Joseph u Rita nee' Sacco, imwielda Pieta' fil-31 ta' Jannar 1985 u li joqghod Nru 83, Triq in-Naxxar, B'Kara, detentricital-Karta ta' l-identita bin-numru 121885(M)
1. Talli fil-gimghat ta' qabel l-4 ta' Lulju 2002, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki folozjew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn hamsin lira

(LM50) Maltin izda inqas minn hames mitt lira Maltin (LM 500) minn diversi stabilimenti fosthom ‘Regent Lingerie Boutique’, ‘Drubi Jeans’, ‘Ganni Casual Line’ u ‘Luigi’ u dan sar ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

2. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi bi hsara ta’ haddiehor u cioe’ tas-sidien imsemmija aktar ‘l fuq, ghamlet xi qliegh iehor b’qerq fl-ammont ta’ aktar minn hames mitt lira Maltin (LM500).

3. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta gew prezentati rceviet bihom hlas jew hadet il-kunsinna ta’ oggetti, jew gabret depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

4. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti, jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzata ma oggezzjonatx li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzata fis-seduta tal-llum ammettiet l-ewwel zewg akkuzi.

Issibha hatja taghhom.

Rat l-artikli 308, 309,310 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif wkoll l-artiklu 9 tal-Kapitolu 152 ta’ l-istess Ligijiet.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta nadifa ta' l-akkuzata, l-eta' taghha, li qed tobbliga ruhha li thallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (LM327) fi zmien sitt (6) xhur mil-llum.
Ghalhekk fil-waqt li ssibha hatja tilliberaha that il-provedimenti ta' l-imsemmi artiklu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-llum. Il-Qorti qed twissi lill-hatja bi kliem car illi jekk taghmel reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni tkun tista tigi kkundannata ghal reat originali u qed tordnalha li thallas l-ammont fuq imsemmi kif intrabtet li taghmel quddiem din il-Qorti llum.

(ft) Magt. Dr Joseph Cassar, BA, LL.D

Vera Kopja ta' l-original.

M.Mifsud,BA (Deputat Registratur)

--------------------------------TMIEM--------------------------------